MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 998/1988/1

**David Curmi, u b`nota tat-22 ta` Novembru 1989 Joseph Pace assuma l-atti minflok l-istess David Curmi, ghan-nom u in rappresentanza ta` "Middle Sea Insurance Company Limited"**

***kontra***

**Eucharist Zammit u Paul Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanniji "Associated Motors Company Limited", "Mira Motor Sales Limited", "Euch. Zammit & Sons Limited" u "Zammit Automobiles Limited"**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-11 ta` Ottubru 1988 li taqra hekk –

*Peress illi l-kumpannija attrici kienet assikurat lill-kumpannija konvenuta "Associated Motors Company Limited" u/jew kumpanniji assocjati jew sussidjarji li jikkomprendu l-kumpanniji konvenuti l-ohra, permezz ta` polza ta` assikurazzjoni "Marine Open Cover" (Dok. A) ghall-perjodu bejn il-25 ta` Ottubru 1983 u s-6 ta` Awissu 1987 (Dok. B) ;*

*Peress illi, skond il-kuntratt ta` assikurazzjoni l-kumpanniji konvenuti kienu obbligati li jiddikjaraw kull taghbija u konsenja ta` merkanzija u dan, inter alia, bl-iskop li jigi kkalkolat il-premju dovut lill-kumpannija attrici ghab-bazi ta` kull taghbija u konsenja ta` merkanzija ;*

*Peress illi, il-kumpanniji konvenuti naqsu li jiddikjaraw kull taghbija u konsenja ta` merkanzija kif kienu obbligati li jaghmlu bir-rizultat li naqsu li jhallsu l-premju kollu dovut lill-kumpannija attrici ;*

*Peress illi, il-kumpanniji konvenuti nonostante li gew mitluba biex jadempixxu l-obbligi taghhom baqghu inadempjenti ;*

*Ighidu l-konvenuti nomine ghaliex din il-Qorti in vista tal-premess m`ghandhiex:*

*1. tiddikjara jekk hemm bzonn li l-kumpanniji konvenuti kienu obbligati li jiddikjaraw kull taghbija u konsenja ta` merkanzija bejn il-25 ta` Ottubru 1983 u s-6 ta` Awissu 1987 u jhallsu premju lill-kumpannija attrici kklakolat fuq kull taghbija u konsenja ta` merkanzija skond il-kuntratt ta` assikurazzjoni;*

*2. tillikwida l-ammont ta` premju dovut u mhux imhallas lill-kumpannija attrici mill-kumpannija konvenuta "Associated Motors Company Limited" bejn il-25 ta` Ottubru 1983 u sas-6 ta` Awissu 1987 skond il-kuntratt ta` assikurazzjoni;*

*3. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta "Associated Motors Company Limited" biex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont hekk likwidat bhala premju;*

*4. tillikwida l-ammont ta` premju dovut u mhux imhallas mill-kumpannija konvenuta "Mira Motor Sales Limited" bejn il-25 ta` Ottubru 1983 u s-6 ta` Awissu 1987 skond il-kuntratt ta` assikurazzjoni;*

*5. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta "Mira Motor Sales Limtied" biex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont hekk likwidat bhala premju;*

*6. tillikwida l-ammont ta` premju dovut u mhux imhallas lill-kumpannija attrici mill-kumpannija konvenuta "Euch. Zammit & Sons Limited" bejn il-25 ta` Ottubru 1983 u s-6 ta` Awissu 1987 skond il-kuntratt ta` assikurazzjoni;*

*7. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta "Euch. Zammit & Sons Limited" biex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont hekk likwidat bhala premju;*

*8. tillikwida l-ammont ta` premju dovut u mhux imhallas lill-kumpannija attrici mill-kumpannija konvenuta "Zammit Automobiles Limited" bejn il-25 ta` Ottubru 1983 u s-6 ta` Awissu 1987 skond il-kuntratt ta` assikurazzjoni;*

*9. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta "Zammit Automobiles Limited" biex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont hekk likwidat bhala premju.*

*Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-attur nomine, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti prezentata fit-8 ta` Novembru 1988 li taqra hekk –

*It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi :*

*1. Is-socjetajiet konvenuti m`ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*Minghajr pregudizzju ghal premess :*

*2. Is-socjetajiet konvenuti "Mira Motor Sales Ltd.", "Euch. Zammit & Sons Ltd." u "Zammit Automobiles Ltd." ma kellhom ebda polza ta` assikurazzjoni kif allegat fic-citazzjoni ;*

*Minghajr pregudizzju tal-premess :*

*3. Il-preskrizzjoni ta` l-azzjoni a tenur ta` l-artikolu tal-Kodici Civili ; u*

*4. Fil-meritu l-merkanzija li kienet qed tigi nxurjata ma` Trident Ltd. (u mhux mas-socjeta` attrici) u li fuqha kienet tithallas il-premium lil Trident Ltd. hija dik li kienet tigi dikjarata ghas-skop ta` insurance minn zmien ghal zmien fuq il-formoli tas-socjeta` msemmija, u dan skond il-procedura stabbilita u adoperati mill-bidunett mas-socjeta` Trident Ltd.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjetajiet konvenuti u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Kummerc moghti fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 1990 (fol 22) fejn inhatar l-Av. Dr. Tonio Mallia bhala perit legali *biex ifittex u jirrelata dwar it-talba jew it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x`jaqsmu mal-kaz.*

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Richard Vella (fol 23 sa fol 27) fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 1990 u d-dokument li kien esebit mix-xhud (fol 28).

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Kummerc tal-5 ta` Ottubru 1990 (fol 39) fejn cahdet it-talba tal-attur noe kif dedotta fir-rikors tieghu tas-6 ta` Gunju 1990 (fol 29) sabiex *tirrikjama quddiemha l-kawza pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet Leonard Vella noe vs Eucharist Zammit et noe (Citaz. Nru. 135/90 MB) ... sabiex l-istess kawza tinstema`, tigi trattata u deciza flimkien ma` din il-kawza.*

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 1999 (fol 93) fejn inhatar Tony Cassar bhala perit komputista bil-*fakolta` li*

*jezamina l-kotba tal-kumpanniji konvenuti u jassisti l-perit legali.*

Rat in-nota a fol 99 prezentata mill-konvenuti fil-11 ta` Dicembru 2000.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tad-29 ta` Jannar 2002 (fol 106) fejn wara li l-Av. Dr. Tonio Mallia sar Imhallef kien sostwit bhala perit legali mill-Av. Dr. Louis Bianchi.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Carmelo Borg (fol 125) fl-udjenza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tad-19 ta` April 2005.

Rat in-nota b`dokumenti li kienet prezentata mill-attur fit-22 ta` Settembru 2005 (fol 130 sa fol 208).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Carmelo Borg (fol 125) fl-udjenza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tad-19 ta` April 2005.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Joe Avellino fl-udjenza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta` Marzu 2006 (fol 216 sa fol 218), fl-udjenza tad-29 ta` Mejju 2006 (fol 305 sa fol 308) u fl-udjenza tad-9 ta` Ottubru 2006 (fol 310) flimkien mad-dokument esebit mix-xhud (fol 311 sa fol 321)..

Rat in-nota b`dokumenti (fol 220 sa fol 302) li pprezenta l-attur noe fl-udjenza tal-5 ta` April 2006 (fol 219) *in sostituzzjoni tad-dokumenti a fol 131 sa fol 209.*

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Joseph Zammit (fol 324 sa fol 325).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Nicholas Borg (fol 324) u ta` Leonard Vella (fol 336 sa fol 337) fl-udjenza tal-10 ta` Dicembru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Karm Borg fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2008 (fol 339 sa fol 345) u fl-udjenza tal-5 ta` Mejju 2008 (fol 352 u fol 353) quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, kif ukoll id-dokument li kien esebit mix-xhud fl-ahhar udjenza.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Joseph Zammit (fol 347) fl-udjenza tal-4 ta` April 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Joe Avellina (fol 357 sa fol 359) flimkien mad-dokument li kien esebit mix-xhud (fol 360 sa fol 362).

Semghet il-kontroezami ta` Joe Avellino (fol 366 sa fol 372) fl-udjenza tas-26 ta` Frar 2009.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta` Gunju 2009 fejn cahdet it-talba tal-konvenuti kif dedotta fir-rikors taghhom tas-27 ta` April 2009 sabiex iressqu eccezzjoni ulterjuri.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-atturi (fol 383 sa fol 391) u dik tal-konvenuti (fol 396 sa fol 409)

Rat id-digriet taghha tas-26 ta` April 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti (inkluz dokumenti) tas-seduti kondotti mill-perit legali Av. Dr. Tonio Mallia sakemm intemm l-inkariku bhala perit legali meta sar Imhallef.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Generali</u>**

Fis-sustanza, il-kawza tal-lum hija talba tal-kumpannija ta` assikurazzjoni attrici (minn issa `l quddiem tissejjah “Middlesea”) sabiex, prevja l-opportuna likwidazzjoni taghhom, tithallas l-*premia* li tallega li huma dovuti mill-erba` kumpanniji konvenuti (minn issa `l quddiem jissejhu “Zammit”) ghal kopertura assikurativa tat-tip *marine open cover.* Skond Middlesea, il-polza ta` assikurazzjoni de qua harget fil-25 ta` Ottubru 1983 a favur ta` Zammit permezz ta` l-agent taghha l-kumpannija Trident Ltd (minn issa `l quddiem tissejjah “Trident”) u baqghet tiggedded minn sena ghal sena sakemm giet ikkancellata fis-7 ta’ Lulju 1987. Il-*premia* reklamati minn Middlesea jkopru l-perijodu ta` bejn il-25 ta` Ottubru 1983 u s-6 ta` Awissu 1987. Skond Middlesea, fil-perijodu in kwistjoni, Zammit naqsu milli josservaw patt li kien jaghmel parti mill-polza meta ma ddikjarawx kull taghbija u konsenja ta’ merkanzija li mportaw minn barra.

Ghal xi zmien, il-gbir tal-provi kien qieghed isir minn perit legali. Fil-fatt kien inhatar l-Av. Dr. Tonio Mallia li gabar provi, inkluzi dokumenti. L-inkariku tal-Av. Mallia intemm meta sar Imhallef. Meta ntemm l-inkariku, il-gbir tal-provi ma kienx mitmum. Ghalhekk ma pprezentax relazzjoni. Ix-xoghol tieghu pero` huma migbur fi tliet envelopes li jaghmlu parti mill-process. Mal-perit legali,

kien inhatar Tony Cassar bhala perit komputista pero` mill-atti ma jirrizultax li qatt ha konjizzjoni tal-process jew ipprezenta xi relazzjoni. Jirrizulta wkoll li in sostituzzjoni ta` l-Av. Mallia, kien inhatar l-Av. Dr. Louis Bianchi pero` ma jirrizulta minn imkien fl-atti jekk espletax l-inkariku tieghu.

Ghalhekk jirrizulta fic-cert illi dment li l-Av. Mallia kien perit legali l-gbir tal-provi sar minnu, illi l-perit komputista ma ghamel xejn, illi wara li ntemm l-inkariku tal-Av. Mallia, l-Av. Bianchi ma kompliex minn fejn halla l-Av. Mallia, u illi in segwitu kienet il-Qorti li kompliet tisma` l-provi.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Il-Polza ta` Assikurazzjoni</u>**

Il-polza de qua nru. 010/83 hija dik markata Dok.A. Hija *a contract of marine insurance.* Saret minn *Trident Limited for account of Messrs Associated Motores Limited and/or associated and/or subsidiary companies.* Hemm indikat illi *cargo contract always open for full amount stated herein and to attach for all sailings/sendings on or after the 25th October 1983 to attach for twelve months up to and including 25th October 1984 with automatic renewal subject to review.* L-*annual turnover estimated* kien ta` Lm3,500,000. Ir-rati kienu ghal *Insitute Cargo Clauses (A) 1.1.82* kien ta` 0.40%. U kien hemm *return of 0.05% if claims do not exceed Lm2500.* Fost kondizzjonijiet ohra, il-polza kellha kondizzjoni illi *sendings to be reported at the end of each month by the insured on attached monthly declaration form and invoice will be rendered by us immediately thereafter.* Bhala parti mill-polza kien hemm l-*Institute Standard Conditions For Cargo Contracts 26/3/80* li *inter alia* kienu jinkludu il-klawsola 2 li tghid *It is a condition of this contract that the Assured are bound to declare hereunder every*

*consignment without exception* u l-klawsola 3 illi tghid *This contract is for an open amount but the amount declarable may not exceed the sum as within in respect of one vessel, aircraft or conveyance.*

Il-polza kienet deskritta bhala *an* ***open cover*** *marine policy.* **Bennett** fid-***Dictionary of Insurance*** (Second Edition – Pitman – pag.240) ighid hekk dwar polza ta` assikurazzjoni ta` dan it-tip –

*When there are regular sendings of goods it is usual to arrange an open cover to avoid the necessity of separate policies for each sending. The two most common methods are the floating policy and the open cover. The following features are common to both : (a) The assured is bound to declare and the insurer to accept all sendings coming within the scope of the contract. (b) The contract sets out the terms and conditions of the insurance, the goods and voyages covered, the rates of premium and the limit which may be declared in respect of any one sending. (c) When War Clauses and Strikes Clauses are covered there is a provision that the are current at time of shipment will be charged, so that any alterations during the currency of the contract take effect automatically. (d) All contracts of this type are subject to cancellation at thirty days notice (War and Strike Clauses are subject to seven days notice). In neither case does the cancellation notice affect a risk that has already commenced when the notice takes effect. The floating policy and the open cover differ as follows : a floating policy is issued for a round sum sufficient to cover the estimated total value pf sendings for some months. The insured declares all sendings which reduce the amount of the policy until exhausted when a further policy can be issued. There is normally no limit. The premium is payable when the policy is issued but the policy may provide various rates for different commodities, voyages etc there may be an adjustment of premium on expiry. An open cover is in effect a permanent provisional cover note to take all sendings within its scope during a fixed period usually twelve months. The insured must declare each*

*sending and policies are then issued to cover these sendings. N.B. Both methods involve declarations of sendings. The floating policy is now less popular than the open cover but it can be issued in conjunction with it when the open cover is 'always open'. However if the open cover has a time limit then the floating policy must have the same time limit.*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Sintesi tal-Provi</u>**

Leonard Vella, direttur ta` Trident, xehed illi Trident kienet agent ta` Middlesea u kkonferma illi dik in kwistjoni kienet *an open cover marine insurance policy* li Trident harget ghan-nom ta` Middlesea a favur ta` Zammit. Skond l-*open cover,* Zammit kienu obbligati illi jiddikjaraw kull merkanzija li jimportaw permezz ta' formola apposta li timtela kull xahar (*monthly return forms*). Il-*premium* kien jinhadem fuq l-ammont iddikjarat. Ir-rata applikabbli kienet indikata fil-polza u cioe` ta` 0.4% u 0.0275% ghal riskju ta' gwerer jew ta' *strikes*. Meta Trident tircevi il-formola minghand l-assikurat, tibghat ir-*return* lill-Middlesea u din thallas *commission* lil Trident.

Leonard Vella kompla jixhed illi Zammit huma importaturi tal-karozzi. Middlesea kienet indunat li kien hemm diskrepanza bejn in-numru ta' karozzi li kienu qeghdin jidhru fil-Gazzetta tal-Gvern bhala importati minn Zammit u n-numru ta' karozzi li Zammit kienu qeghdin jiddikjaraw fir-returns taghhom ghall-assikurazzjoni. Fil-Gazzetta tal-Gvern dehru vetturi tal-marka BMW, Bedford, Vauxhall, Isuzu, u Honda li Zammit kienu jimpurtaw.

Leonard Vella isostni li l-valur assikurat kien jirrapprezenta n-nofs ta' dak li deher fil-Gazzetta tal-Gvern. Meta nduna li Zammit ghamlu *under-declaration*,

huwa ghamel kuntatt ma` Nicholas Borg li kien impjegat ta` Zammit. Meta xehed Nicholas Borg, dan ikkonferma li Leonard Vella '*kien jigi l-ufficcju urtat li ma konniex qeghdin ninxurjaw kollox*' (ara fol. 334).

Joseph Zammit, direttur ta` Zammit, xehed illi l-assikurazzjoni kienet saret ghaliex il-ligi dak iz-zmien kienet tobbliga lill-importatur sabiex ikopri l-importazzjoni tieghu b`polza ta` assikurazzjoni mahruga f`Malta (ara fol 324). Il-*premium* kien pre-stabbilit u ibbazat fuq l-*annual turnover.* Huma kienu jiddikjaraw *annual turnover* ta' Lm3,500,000. Il-vetturi li elenku taghhom deher fil-Gazzetta tal-Gvern ma kienux kollha impurtati fil-perjodu indikat fil-Gazzetta tal-Gvern peress illi numru minnhom kienu *in bond* u kienu gew impurtati xi sena jew sentejn wara. Fil-fatt kienu jinhargu ftit ftit fis-suq. Trident kienet taf mill-bidu nett x'kienu jimpurtaw minn barra u qatt ma lmentat hlief fl-ahhar sena meta Zammit kienu qed jahsbu biex jassikuraw ma` haddiehor.

Bhala fatt, din il-Qorti tinnota riluttanza da parti ta` Zammit illi jipproducu l-*accounts* taghhom ghas-snin mitluba minn Middlesea u dan wara diversi talbiet, inkluz dik ta' l-*accountant* Anthony Cassar (ara per ezempju s-seduta ta' l-14 ta' Novembru 1990 u dik tas-7 ta' Mejju 1992 quddiem il-Perit Legali, kif ukoll is-seduta tat-18 ta' April 2005). Joseph Zammit xehed izjed minn darba li ma kellux l-*accounts* mitluba ghaliex kien sehh hruq fl-arkivji taghhom. Min-naha tieghu, Carmelo Borg, impjegat ta` Zammit, xehed illi huma ma kienux izommu *accounts* li kienu jmorru lura aktar minn ghaxar snin. Jibqa` l-fatt illi dawn l-accounts ma gewx prezentati b`nuqqas da parti ta` Zammit. *Del resto* il-kawza tal-lum kienet prezentata fil-11 ta` Ottubru 1988, Zammit kienu jafu li kellhom vertenza li kienet il-qorti dwar hlas ta` *premium* ghal snin li ma kienux imorru aktar lura minn ghaxar snin, *eppure* ma zammewx l-*accounts*. Ghalhekk kien nuqqas grossolan da parti ta` Zammit li bhala tali ma ghandux ikun ta` detriment ghal Middlesea.

Joe Avellino, *Assistant General Manager* ta` Middlesea, xehed illi l-polza de qua kienet tobbliga lil assikurat illi jiddikjara kull haga impurtata inkluz *spare parts* tal-karozzi (fol. 217). Ikkonferma li huma saru jafu illi Zammit ma kienux qeghdin jiddikjaraw kollox kif kienu obbligati abbazi tar-risultanzi tal-Gazzetta tal-Gvern.

Karm Borg, *Financial Controller* ta` Zammit, xehed hekk a fol 339 –

*il-metodu kif inhadem u kif waslu ghall-figura finali huwa skorrett, minhabba l-fatt li normalment premium ta' marine insurance ma jithallasx fuq il-prezz li jinbiegh lill-klijent tal-karozza, imma jithallas fuq dak li jissejjah il-landed cost …*

*Il-mod kif inhadmu dawn il-figuri, nhaddmu fuq bazi ta' retail price lill-konsumatur li normalment huwa around fifty percent. Il-landed cost huwa fifty percent tal-prezz li jinbiegh lill-konsumatur'*

Karm Borg xehed ukoll illi Zammit dak iz-zmien kienu l-unici importaturi ta` vetturi Honda, Isuzu, BMW u Vauxhall.

Kemm Middlesea kif ukoll Zammit ipprezentaw il-komputazzjonijiet taghhom dwar id-diskrepanza tal-*premia*.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>**

L-ewwel eccezzjoni taqra hekk –

*Is-socjetajiet konvenuti m`ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

Irrizulta li ghalkemm kienet Trident li harget il-polza a favur ta` Zammit, Trident kienet qeghda tagixxi bhala agent ta` Middlesea mhux ghax Trident kienet assikuratur. Trident kellha *binding authority* minn Middlesea sabiex tohrog il-polza de qua.

**Bennett** fid-***Dictionary of Insurance*** (op. cit. – pag.39) ighid hekk dwar *binding authority* fil-kamp specjalizzat tal-assikurazzjoni –

*An authority granted by an insurer (company, underwriter or reinsurer) to an agent to enable the agent to accept insurance business on behalf of the insurer or underwriter concerned within specified limits. The agent (sometimes called a 'cover-agent') collects the premium, services claims and is fully empowered to commit the insurer within the terms of authority …*

Ghalkemm il-polza kienet esebita bhala Dok A mac-citazzjoni, Joe Avellino, rapprezentant ta` Middlesea, ipprezenta kopja aktar kompleta fl-udjenza tad-9 ta` Ottubru 2006 (fol 311 et seq) markata Dok JB. Aktar kompleta fis-sens illi kienu annessi d-dettalji ta` *clauses* li kienu rilevanti ghall-polza de qua fosthom l-*Institute Cargo Clauses (A)* u l-*Institute Strikes Clauses (Cargo).*

Mit-tieni pagna tal-polza (fol 6 u fol 312), jirrizulta li l-assikuratur kienet Middlesea tant illi jinghad *100% approved in accordance with the Insurance Business Act 1981 – Middle Sea Insurance Limited.* Inoltre kienet esebita a fol 320 *Labels Clause* taht il-logo ta` Middlesea.

Skond id-Dok LV1, jirrizulta li Middlesea tat lil Trident l-awtorita` '*to issue cover notes and/or certificates and/or open covers of marine cargo insurance*'. Jirrizulta illi Trident harget il-polza skond l-awtorita` li kellha minghand Middlesea. Ghalhekk Middlesea kienet *on risk* vis-a-vis Zammit bid-dritt li tithallas il-*premium* skond il-pattijiet u kondizzjonijiet tal-polza. Bejn Middlesea u Trident kien hemm ftehim intern dwar hlas ta` *commission* ghall-prestazzjonijiet li Trident kienet qeghda taghti lil Middlesea. Mhuwiex verosimili li Zammit ma kienux jafu li Middlesea kienet l-assikuratur u li Trident kienet biss agent. Aktar u aktar meta jitqies li Joseph Zammit ghamel enfasi fid-deposizzjoni tieghu illi l-konvenuti dahlu ghall-assikurazzjoni ghaliex kienu obbligati bil-ligi biex jaghmlu hekk. U huwa fatt maghruf illi l-*Insurance Business Act 1981* fis-sehh dak iz-zmien kienet tqieghed lill-Middlesea f`posizzjoni ta` vantagg fl-akkwizizzjoni ta` *insurance business,* stat ta` dritt li kien rikonsiderat meta saret il-ligi l-gdida u cioe` l-*Insurance Business Act 1998* illum Kap.403 tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalhekk mhuwiex versomili li Zammit ma kienux jafu li Middlesea kienet l-assikuratur taghhom tenut kont tal-volum qawwi ta` xoghol li kellhom assikurat.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni**.

**Ikkunsidrat :**

**VI. It-Tieni Eccezzjoni**

Fit-tieni eccezzjoni kien eccepit hekk –

*Is-socjetajiet konvenuti "Mira Motor Sales Ltd.", "Euch. Zammit & Sons Ltd." u "Zammit Automobiles Ltd." ma kellhom ebda polza ta` assikurazzjoni kif allegat fic-citazzjoni.*

Jirrizulta mit-test tal-polza de qua illi l-istess polza saret *for account of Messrs Associated Motors Limited and/or associated and/or subsidiary companies.*

Jirrizulta wkoll milli xehed Joseph Zammit a fol 324 illi l-kopertura assikurattiva li saret tramite Trident kienet intiza sabiex tkopri l-erba` kumpanniji ta` Zammit u mhux dik il-wahda li kienet indikata bl-isem fil-polza. Inoltre mhux kontestat illi l-konvenuti “Mira Motor Sales Ltd.”, “Euch. Zammit & Sons Ltd.” u “Zammit Automobiles Ltd.” Kienu kumpanniji assocjati ta` l-konvenuta “Associated Motors Limited”.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad din it-tieni eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**VII. It-Tielet Eccezzjoni**

Fit-tielet eccezzjoni kienet eccepita l-preskrizzjoni *ta` l-azzjoni a tenur ta` l-artikolu tal-Kodici Civili.*

Din il-Qorti tghid mill-ewwel l-konvenuti ma ndikawx l-artikolu tal-ligi li abbazi tieghu qeghdin jinvokaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Hija gurisprudenza konsolidata illi l-Qorti ma tistax tissolleva l-preskrizzjoni hi *ex officio.* Lanqas ma tista` tkun hi li tindika l-artikolu rilevanti fl-assenza ta` indikazzjoni cara u inekwivoka da parti tal-eccipjent. Lanqas ma tista` tindika hi d-disposizzjoni korretta meta tkun rinfaccjata b`artikolu citat erroneament mill-eccipent.

Fis-sentenza taghha tal-21 ta` Marzu 1977 fil-kawza '**Grech vs Camilleri et'**, il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) qalet hekk –

*Il-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata nammissibbli.*

Hekk ukoll kif ribadit mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tat-22 ta` Gunju 2005 fil-kawza '**Gauci vs Farrugia'** –

*Il-gudikant ma jistax jirricerka d`ufficio il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi d`ufficio tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta.*

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad it-tielet l-eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**VIII. Il-Mertu**

Fil-mertu, Zammit ikkontestaw it-talbiet attrici hekk –

*... l-merkanzija li kienet qed tigi nxurjata ma` Trident Ltd. (u mhux mas-socjeta` attrici) u li fuqha kienet tithallas il-premium lil Trident Ltd. hija dik li kienet tigi dikjarata ghas-skop ta` insurance minn zmien ghal zmien fuq il-*

*formoli tas-socjeta` msemmija, u dan skond il-procedura stabbilita u adoperati mill-bidunett mas-socjeta` Trident Ltd.*

Il-polza de qua inharget fil-25 ta' Ottubru 1983 u kienet valida ghal sena *with automatic renewal subject to review.* Bil-*letter of acknowledgement* (ara fol 28) Associated Motors Co. Ltd. accettat espressament li l-polza harget fuq taghrif li ghaddiet lill-assikuratur u accertat li dak it-taghrif kien korrett *to the best of our knowledge.* Ghalkemm il-polza kellha sena durata, Zammit baqghu ghaddejjin bil-hlasijiet taghhom sat-3 ta' Lulju 1987 (ara d-*declaration forms* u dokumenti ohra relatati mibghuta minnhom lil Trident markati Dok LV7). B`hekk il-polza baqghet tiggedded sa meta kienet kancellata minn Trident ghal Middlesea ghar-ragunijiet indikati fl-ittra tas-7 ta` Lulju 1987 (ara Dok B a fol 9).

Il-*premium* applikabbli kien bir-rata ta` 0.40%. Ma` din ir-rata kellha tizdied ir-rata l-ohra li kienet taghti kopertura ghar-riskji f'kaz ta' gwerer jew ta' *strikes*. Zammit kienu obbligati bil-polza illi '*sendings to be reported at the end of each month by the Insured on attached monthly declaration form'.* Klawsola 2 ta' l-*standard conditions* ta' l-polza kienet tghid illi '*the Assured are bound to declare hereunder every consignment without exception'* (ara fol. 321).

Middlesea tikkontendi li Zammit kienu inadempjenti fid-dikjarazzjoni li kienu obbligati jaghmlu bil-konsegwenza li hallsu *premia* f`ammont inferjuri ghal dak li kellhom jaghtu attwalment. Bhala prova tal-pretensjoni taghha, Middlesea pproduciet kopji tal-Gazzetta tal-Gvern bejn is-sena 1983 sa sena 1987 fejn *inter alia* jirrizultaw listi shah ta' vetturi tal-marki importati minn Zammit bhala *sole importers*. Leonard Vella xehed hekk fis-seduta tat-23 ta' Lulju 1990 quddiem il-perit legali - *Sa fejn naf jiena, il-vetturi in kwistjoni huma mportati biss mis-socjetajiet konvenuti. Qatt ma gejt infurmat li mhumiex is-sole*

*importers u din, ghalina, hi material fact importanti u li kieku ma kienx hekk, huma obbligati jinfurmawna.* Hekk kien konfermat minn Karm Borg, *Financial Controller* ta` Zammit, meta pprezenta komputazzjoni gdid tal-*premia* skond l-allegazzjoni ta` Middlesea (ara fol 350). Fil-komputazzjoni ta` Zammit, hemm indikati l-marki ta` vetturi li taghhom Zammit kienu *sole importers.* Fuq l-iskorta tad-dokumenti esebiti, kif ukoll mill-kumpless tal-provi, jirrizulta sodisfacjentement ippruvat sal-grad li trid il-ligi illi l-vetturi tal-marka BMW, Isuzu, Honda, Vauxhall u Bedford li elenku taghhom jirrizulta fil-hargiet tal-Gazzetta tal-Gvern esebiti fil-fatt kienu importati minn Zammit.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom (fol 404) Zammit isostnu li *mill-provi li s-socjeta` Trident Limited (u dana wkoll fil-vesti taghha ta` mandatarja ta` Middle Sea Insurance) kienet irrinunzjat ghall-allegati nuqqasijiet tas-socjeta` Associated Motors.*

Din il-Qorti ma taqbilx. Bil-fatt illi Middlesea jew l-agent taghha hadu z-zmien biex indunaw bid-diskrepanzi u agixxew ma jfissirx li huma akkwiexxew jew accettaw il-*premia* li kienu qeghdin jithallsu u rrinunzjaw ghall-bqija. Huwa pacifiku illi biex issehh rinunzja, din trid tkun cara u univoka. U s-silenzju wahdu meta mhux akkumpanjat ma` xi haga ohra ma jistax jigi interpretat bhala rinunzja (Qorti tal-Appell – '**<u>Casha noe vs</u> <u>Mizzi et noe</u>**' – 5 ta` Gunju 1985). Fil-kaz tal-lum, ma rrizultax att car u univoku ta` rinunzja ghall-premia mhux imhallsa kif pretiz minn Zammit.

Minn esami akkurat tal-komputazzjoni ta` Middlesea u dik ta` Zammit, din il-Qorti tosserva illi l-ghadd ta' karozzi elenkati fil-Gazzetta tal-Gvern u mhux dikjarati minn Zammit fid-*declaration forms* huwa ta` 1905 (ara Dok. LV 5, Dok LV6 u fol.350). L-ghadd mhux kontradett minn Zammit.. Ghalkemm huwa minnu li Joseph Zammit xehed a fol 324 et seq illi dak in-numru ta' karozzi ma kienx jirrifletti l-importazzjoni <u>attwali</u> ta' dak iz-zmien

peress illi certi karozzi kienu gew importati minn qabel u *held in bond,* fl-istess waqt din il-Qorti tosserva illi Zammit ma gabu l-ebda prova preciza u dokumentata tal-ghadd minn dawk il-vetturi elenkati fil-Gazzetta tal-Gvern li, skond Zammit, kienu *in bond.* Ghalhekk, minghajr l-iskorta ta` prova oggettiva, dak mistqarr minn Zammit, anke jekk bil-gurament, jibqa` biss allegazzjoni.

Abbazi tal-assjem tal-provi, jirrizulta li Zammit naqsu milli jiddikjaraw l-karozzi kollha li impurtaw fil-perijodu in kwistjoni bl-ahhar *declaration form* tkun dik tat-3 ta' Lulju 1987. B`hekk huma kienu inadempjenti fl-osservanza tal-polza in kwistjoni.

**Ghalhekk l-ewwel talba tirrizulta**.

Fid-Dok LV5 hemm lista bl-ghadd u l-marka tal-vetturi importati minn Zammit fiz-zmien in kwistjoni u dikjarati ma` Trident – total ta` 603, b`valur assikurat totali ta` Lm1,116,758.

Fid-Dok LV6 hemm l-ghadd ta` vetturi importati dikjarati ma` Trident u l-ghadd li deher fil-Gazzetta tal-Gvern. Tirrizulta diskrepanza ta` 1905.

Skond ma kienu ddikjaraw ma` Trident, jirrizulta li Zammit *premia* ta` Lm4787.19 ghas-snin ta` bejn l-1983 u l-1987.

Biex jaslu ghall-komputazzjoni tal-*premia* li baqghu ma thallsux, il-partijiet hadu binarji differenti. Fil-bidu, Middlesea ghamlet il-kalkolu taghha fuq ir-*retail price* tal-vetturi. Mentri il-premium kellu jinhadem fuq in-nofs ta` dak il-prezz kif riportat fil-Gazzetta tal-Gvern. Infatti Leonard Vella xehed illi jghid '*in generali forsi nista' nghid*

*li l-valur assikurat huwa n-nofs ta' dak li jidher fil-Gazzetta tal-Gvern'*

Meqjusa z-zewg komputazzjonijiet, din il-Qorti tghid illi l-*workings* ta` Zammit jirriflettu aktar dak miftiehem bejn il-partijiet ghall-fini tal-polza u ghalhekk tghid li l-quantum ta` premia li Zammit baqghu ma hallsux jammonta ta` Lm19,843.26 ekwivalent ghal €46,222.26 (ara fol 351).

Mill-atti ma jirrizultax liema mill-kumpanniji konvenuti kienet l-importatur ta` marka partikolari tal-vetturi in kwistjoni. Fl-istess waqt huwa evidenti li l-polza kienet qeghda tkopri bl-istess mod u ghal *premium* wiehed lill-erba` kumpanniji li huma lkoll assocjati. Ghalhekk billi l-hlas ta` l-*premium* kien ta` natura kummercjali, l-erba` kumpanniji ghandhom jaghmlu tajjeb bejniethom *in solidum*.

Fic-citazzjoni, Middlesea talbet il-hlas tal-imghax legali. Fic-citazzjoni pero` ma tghidx minn meta kienet qeghda tippretendi li l-imghax ghandu jiddekorri. Issa fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, Middlesea qeghda tippretendi illi l-imghax m`ghandux jiddekorri mid-data tas-sentenza izda ghandu jghodd minn meta dak l-imghax seta` jigi kalkolat ghaliex hija ma kellhiex tbati pregudizzju ghaliex Zammit ma ddikjarawx l-ghadd tal-vetturi attwalment importati kif kien obbligu taghhom skond il-polza. Din il-Qorti ma taqbilx. Mid-data tal-presentata tac-citazzjoni, Middlesea mhux biss kienet taf li mhux il-vetturi kollha importati kienu dikjarati izda ghamlet kalkolu tal-*premia* mankanti. F`dak l-istadju xejn ma kien izomm lill-Middlesea milli titlob il-hlas ta` ammont gia` likwidat. Dan ma sarx anke ghaliex anke Middlesea kienet incerta fuq il-figuri. Ghalhekk talbet il-hlas ta` ammont *da liquidarsi.* Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-principju "*in illiquidis non fit mora*" ghandu japplika fil-kaz tal-lum u ghaldaqstant l-imghax ghandu jibda jghaddi b`effett mil-lum.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad it-tielet eccezzjoni u cioe` dik tal-preskrizzjoni.**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha l-ohra.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-talbiet l-ohra attrici billi tillikwida l-*premia* li kienu dovuti lill-kumpannija attrici u li baqghu ma thallsux mill-kumpanniji konvenuti ghall-perijodu in kwistjoni fl-ammont ta` sitta u erbghin elf mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro sitta u ghoxrin centezmu (€46,222.26) u tikkundanna lill-kumpanniji konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma hekk likwidata ta` sitta u erbghin elf mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro sitta u ghoxrin centezmu (€46,222.26) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-kumpanniji konvenuti sabiex ihallsu *in solidum* bejniethom l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------